MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2010

Numru. 254/2009

**Il-Pulizija
(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Paolo Attard**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmi Paolo Attard li gie akkuzat talli f’nhar id-29 ta’ Marzu 2007 u fix-xhur ta’ wara f’Ghawdex:

1) Naqas milli izomm l-arma tieghu fil-kustodja tieghu senter tal-ghamla Manufrance bin-numru 209724 b’tali mod li ma tigix f’idejn haddiehor.

2) Biegh, nehha, innegozja l-arma tieghu minghajr licenjza jew permess tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet lill-imputat jammetti l-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat jikkontendi illi l-arma tan-nar in kwistjoni kien bieghha lil certu Brian Mangion li kien ex pulizija. Izda meta l-pulizija kellmu lil dana Mangion hwua cahad dana kollu. Madanakollu l-imputat qieghed jammetti l-ewwel akkuza;

Illi d-difiza ghalhekk qed tissolleva l-eccezzjoni illi l-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta li tahtu l-imputat jinsab akkuzat, ma kienx vigenti fi zmien illi sehh ir-reat;

Illi huwa minnu illi l-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta gie fis-sehh fil-hmistax (15) ta’ Awwissu 2006, qabel dan kienet vigenti l-Ordinanza Dwar l-Armi li saret ligi fid-29 ta’ Gunju 1931 u baqghet tigi sussegwentement emendata;

Illi t-tieni akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat hija reat istantanju u ghalhekk il-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta li fuqu hija msejsa l-ewwel (1) akkuza certament ma kienx vigenti fiz-zmien li sehh dana ir-reat u kwindi ghalhekk l-imputat ma jista’ qatt jinsab hati taht xi ligi li ma kinitx tezisti fiz-zmien illi sehh l-allegat fatt;

Illi ghar-rigward ta’l-ewwel akkuza dina giet ammessa mill-imputat u ghalhekk l-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta’l-istess;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikolu 47 u 51(8) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni (2) akkuza, issibu hati tal-ewwel (1)

akkuza u tikkundannah multa ta’ mitejn u hamsin ewro (€250), liema multa ghandha tithallas fi zmien xahar mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------